L-GHID TA' L-ASSUNTA

15 ta' Awwissu 1976 | Harġa ta' darba fis-Sena | Nru. 11

DIGRIET TAN-NOMINA TAL-ARCIPRIET TAL-KATIDRAL

Nikol Guseppi Cauchi, għall-grajja t'Alla u Tas-Sede Apostolika Isqof ta' Għawdex.

Lill-Maħbub tagħna fi Kristu Carmelo Scicluna Xerri, ix-xewqat tajba tagħna għal dejjem fil-Mulej.

Billi skond il-kanoni 403, 455 u l-Ittra Apostolika motu proprju "Ecclesiae Sanctae" id-dritt li jinnomina u jistitwixxi l-kappillani u jagħti kull xorta ta' benefiċċj jew kanonikati, jekk dawn ma jkunux konċistorjali, imiss lill-Isqof tal-post fejn issir il-ħatra, u d-dinjità ta' Arċipriet fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex, li magħha hija marbuta wkoll il-kura tal-erwieħ u li tiġi r-raba' dinjità wara dik tal-Isqof, bir-rinunzja tal-Illustrissimu u Reverendissimu Mikiel Cefai, l-aħħar wieħed li kien jippossediha vakaw fix-xhar ta' Marzu u għandhom vakanti s'issa, Aħna, li nixtiequ nimlew l-uffiċċju tal-imsemmija Dinjità u ħarsien tal-Erwieħ fil-Knisja Parrokkjali u Katidrali ta' Għawdex, u inti li għandek erbgħa u erbgħin sena u għal ħafna snin kont Vigarju Kurat fl-istess Knisja Katidrali, u li opinjoni tagħna inti mżejjen bil-produenza, kostumi tajba, għerf u kwalitajjiet oħra meħtieġa, u għalhekk kapaċi li tokkupa d-dinjità u tieħu ħsieb l-erwieħ imsemmija, Aħna, bl-awtorità tagħna ordinarja, nafdaw f'idejk id-Dinjità ta' Arċipriet kif ukoll il-Kura tal-Erwieħ fil-Knisja Katidrali u nagħtuhom lilek bid-drittijiet u dak kollu li għandu x'jaqsam magħhom, kif imfissra fl-Istatuti Kapitulari u fid-Digriet Tagħna tal-15 ta' Marzu 1976.

Għalhekk wara li tagħmel l-istqarrija tal-fidi Kattolika quddiemna jew quddiem Delegat Tagħna nagħtuk il-pussess veru, rejali u korporali tal-imsemmija Dinjità u Kura tal-Erwieħ bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha tagħhom.

Bħala xhieda ta' dan kollu li għidna, ordnajna li dan id-digriet minna iffirmat u siġillat bit-timbru Tagħna jiġi mwettaq u reġistrat mill-hawn taħt iffirmat Kanċellier tal-Kurja Tagħna.

Mogħti fil-Belt Victoria, 22 ta' Marzu 1976

+ Nikol G. Cauchi
Isqof ta' Għawdex.

Mons. Beneditt Camilleri
Kanċellier.

PRELAT D'ONORE TAL-PAPA PAWLU VI

Lill-Maħbub Iben Tagħna, Saħħa U' Barka Apostolika

Bil-qalb kollha nilqgħu t-talba li saritilna u biex nuru bid-deher il-benevolenza Tagħna lejk — li mmeritajt ħafna biex ir-reliġjon Kattolika tixtered u tissaħħaħ — lilek Carmelo Scicluna Xerri mid-Djoċesi ta' Għawdex naħtruk, nagħmluk u ninnominawk Prelat Tagħna ta' l-Unur. Għaldaqstant lilek nagħtu s-setgħat li tagħmel użu mill-unuri, privileġġi u prerogativi li huma magħquda ma' din id-dinjità, b'mod partikori skond il-Kostituzzjoni "Inter Multiplices" tal-Papa San Piju X.

Mogħti f'Ruma, f'San Pietru, fil5 ta' Mejju 1976.

+ Giovanni Kard. Villot

IL-MESSAGG TA' MONS. ARCIPRIET GHALL-OKKAZJONI TAL-FESTA

Fl-ewwel messagg tieghi bhala Arcipriet taghkom ghall-okkazjoni tas-solennita' tat-Tlugh fis-Sema ta' Marija bir-ruh u l-gisem nixtieq nawguralhom li din il-festa ta' kull sena tkun ghalikom ta' ncentiv biex:

- *TIKBRU fil-qdusija tar-ruh ghax il-perfezzjoni nisranija mhix il-kustodja ta' erbgha minn nies, imma dmir ta' kulhadd;*
- *TISSAHHU fil-karità nisranija ghax bhala nsara jehtieg li ixxerrdu l-hmira t-tajba maghkom fis-soċjetà ta' żmienna li ma tafx tispelli l-kelma mhabba;*
- *TINTLEW bl-ossigenu tat-tama ghax minghajrha tahkimkom l-azma tat-taqtiegh ta' qalb spiritwali;*
- *TGHARFFU dejjem ahjar li Kristu Gesu' mhux oġġett fossilizzat tajjeb biss biex tqieghdu go vetrina tal-mużew, imma huwa l-ahjar mexxej tal-bnedmin ghal kull żmien;*
- *TIFTHU dejjem aktar il-pulmuni tar-ruh bin-nifs ta' apostolat fejjiedi ghax l-evanġelizzazjoni mhix il-monopolju ta' xi whud imma d-dover ta' kull nisrani awtentiku;*
- *TISTINKAW bla heda ghall-promozjoni tal-bniedem li hu maghmul mhux biss mir-ruh imma wkoll mill-ġisem;*
- *THADDMU dejjem iżjed it-talenti taghkom ghal skop tajjeb biex tkabbru il-ferh genwin mhux fil-jiem tal-festa biss imma wkoll fil-jiem tas-sena kollha;*
- *TOHOLQU inizjattivi kulturali li minnhom jinkisbu mezzi ghall-iżvilupp taċ-ċiviltà fil-parocca;*
- *TIKKONVINCU lilkom nfuskom li biex tixxalaw, tgawdu u tiddevertu, m'hemmx bżonn taghtu 'leave' lill-kuxjenza taghkom;*
- *TITQAWWEW fid-deċiżjoni li l-festa tigi mhux biex iżżidu d-doża tal-parrokjaliżmu fikom, imma biex it-termometru ta' mhabbitkom lejn il-Madonna jimmarka grad dejjem oghla.*

F'dan is-seklu ta' progress xjentifiku, il-festa titulari tal-parroċċa taghna ghanda tabilhaqq isservi ta' injezzjoni li tnissel fina dinamiżmu biżżejjed biex inwettqu dan il-programm fil-hajja taghna ta' kuljum. U dan hu l-ahjar mod li bih nistghu naghtu gieh u glorja lill-Vergni Marija mtellgha s-sema bir-ruh u l-gisem.

Mons Carmelo Scicluna
Arċipriet

IL-BORD EDITORJALI TA'
L-GHID TA' L-ASSUNTA
F'ISEM IL-PARRUĊĊANI TAL-KATIDRAL
JIFIRHU
LILL-EDITUR TA' DAN IL-ĠURNAL
L-ARCIPRIET TAL-KATIDRAL
MONS. CARMELO SCICLUNA

L-ISQOF MONSINJUR ANTON GRECH DELICATA J.U.D.

mill-Kavallier Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P.

Monsinjur Anton Grech Delicata, J.U.D., "dei Marchesi Testaferrata Cassia" kien it-tieni Isqof t'Għawdex (24.9.1868 — 31.12.1876).

Twieled il-Belt Valletta fit-23 ta' Frar, 1823 mill-Kavallier Dr Bartilmew Grech Delicata mil-Belt u martu n-nobbli Annunzjata "dei Marchesi Testaferrata Cassia" minn Ħal Balzan. Minn naħa t'ommu kien jiġi mill-uniku Kardinal Malti Fabriz "dej Baroni Sceberras Testaferrata", J.U.D. (twieled 1.4.1757, Arċisqof Titulari ta' Berito u Nuntio fl-Iżvizzera 20.9.1802, Kardinal 6.4.1818 u miet 3.8.1843). Huwa għamel l-istudji tiegħu fil-Filosofija u Teoloġija f'Ruma l-ewwel fil-Kulleġġ "Clementino dei Nobili" u wara fl-"Università della Sapienza", minnfejn akkwista d-dottorat f' "Ambo le Leggi — Canonica e Civile".

Fl-1843, meta kien għadu ta' eta' pjuttost żgħira ta' 20 sena l-Papa Girgor XVI (1831-1846) laħqu Kanonku fil-Katidral ta' l-Imdina, waqt li fl-1851 il-Papa Piju IX (1846-1878) onorah bit-titolu ta' Prelat Domestiku u allura Monsinjur u fl-1867 "Referendario della Signatura della Giustizia".

Meta Monsinjur Isqof Fra Pawl Micallef O.S.A. ħalla l-Amministrazzjoni tal-Djoċesi t'Għawdex, il-Papa għamel fis-17 ta' Mejju, 1867 lil Monsinjur Anton Grech Delicata Isqof-Titulari ta' Caledonia, Assistent fit-Tron tiegħu u Amministratur Apostoliku fid-Djoċesi t'Għawdex il-għaliex il-Għawdxin urew li xtaqu li Monsinjur Micallef jirritorna mill-Italja u jkun magħmul Isqof effettiv tagħhom, tant li Monsinjur Grech Delicata, biex juri rispett lejn l-Agostinjani u anki biex jagħti x'tifhem lin-nies li hu ma kellu xejn kontra Monsinjur Micallef, mar joqgħod fil-kunvent tagħhom u sa għażel lill-prijur tagħhom l-Għawdex Patri Nikol Cilia, S.Th.M. (Awissu 1865 — 1867, wara Provinċjal u miet fit-30 ta' Jannar, 1893) bħala Segretarju tiegħu.

Il-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex ġie mgħarraf bin-nomina tiegħu fit-30 ta' Novembru, 1867.

L-Isqof Grech Delicata sar Djoċesan t'Għawdex fl-24 ta' Settembru 1868; huwa għażel lill-Kanonku Gejtan Bondi (Kanonku-Kuġitur ta' ħuh Dun Salv. fl-1835, effettiv fl-1859, Pro-Vigarju qabel it-Twaqqif tad-Djoċesi, u wara Vigarju-Ġenerali minn Novembru 1869 sa' mewtu fit-12.1.1876) biex jieħu l-Pussess f'ismu fl-24 ta' Jannar 1869, u l-Isqof għamel l-Ingress Solenni tiegħu fil-Katidral f'Ġunju ta' dik is-sena.

Mal-bidu tal-karriera aktarx qasira tiegħu f'Għawdex huwa ippromwova 'l-Kanonku-Arċipriet tal-Għarb Dun Relić Refalo, D.O. (7.4.1867 — 12.7.1868), bħala Kuġitur tax-xwejjaħ Kanonku-Arċipriet tal-Katidral Dun Franġisk Mercieca (Jannar 1865 — 15.4.1869) mit-13 ta' Lulju 1868 u effettiv mis-16.4.1869, fejn kompla sa ma miet fl-eta' ta' 79 sena fit-22.5.1917.

Waħda mill-ewwel funzjonijiet speċjali tiegħu bħala Isqof kienet li reġa' ikkonsagra l-Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita f'Sannat wara t-tkabbir tagħha żmien il-Kappillan Dun Ġan-Indri Vella minn Nadur fit-22 ta Novembru, 1869.

(ikompli p. 11)

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

1-17/8/75 Tkomplew il-festi b'konnessjoni ma' l-Inkoronazjoni ta' Santa Marija Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tal-Katidral t'Ghawdex. (Peress li dwar dawn il-festi hareg ktieb "L-INKORONAZJONI TA' L-ASSUNTA — 1976" m'ahniex sa nitkellmu fuq dawn il-grajjiet memorabli ghar-raguni li l-ktieb jigbor fih Kronaka bir-ritratti ta' dawn ic-celebrazjonijiet).

9/8/75: Dun JOE BEZZINA, ordnat sacerdot mill-Q.T. il-Papa Pawlu VI, ghamel l-ewwel quddiesa solenni tieghu fil-Katidral, b'omelija minn Mons. Carm. Scicluna Vig. Kurat tal-Katidral.

15/8/75: JUM L-INKORONAZJONI — L-GHID TA' L-ASSUNTA. Filghodu saret Koncelebrazjoni Pontifikali u l-kuntratt tal-ghoti tal-kuruna ghall-Inkoronazjoni. Filghaxija l-Kardinal Francesco Seper nkuruna x-xbieha ta' l-Assunta fi Pjazza S. Sabina fost l-ghola awtoritajiet ekklesjastici u civili ta' dawn il-Gzejjer u eluf kbar ta' Ghawdxin u Maltin.

17/8/75: JUM SANTA MARIJA — Sar l-Pontifikal tas-soltu u l-purcissjoni pontifikali bl-istatwa ta' Santa Marija: din nzammet filghaxija. Mill-gdid, eluf ta' nies assistew ghal dawn ic-celebrazjonijiet li tmexxew mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi Isqof Djocesan u li ghall-okkazjoni hareg Pastorali "Il-Qima lejn Sidtna Marija".

22/9/75: Eghluq il-111-il sena minn meta l-Matrici u Kolleggjata ta' Ghawdex giet mghollija ghad-dinjità ta' Katidral — Ras u Kap tal-Knejjes kollha.

5/10/75: Harget il-purcissjoni bil-Madonna tar-Ruzarju.

11/10/75: Eghluq il-259 anniversarju mill-Konsagrazjoni tal-Knisja Katidrali t'Ghawdex, il-Knisja li hija l-iktar ikkonsagrata f'Ghawdex. Saret koncelebrazjoni pontifikali b'tifkira.

12/10/75: Thabbar li s-Sagristan Maggur tal-Katidral Dun Guzepp Gauci, il-Maestro di Coro ta' l-istess Katidral Dun Guzepp Azzopardi, ic-Cerimonjier Djocesan Dun Guzepp Curmi u l-Vici Rettur tas-Seminarju Dun Frangisk Azzopardi saru Monsinjuri kugituri tal-Kapitlu Katidrali Ghawdxi.

21/10/75: Festa ta' S. Orsla fil-Katidral, kompatruna ta' Ghawdex flimkien ma' l-Appostlu Missierna S. Pawl.

1/11/75: EGHLUQ IL-25 L-ANNIVERSARJU MILL-PROKLAMAZJONI TAD-DOMMA TA' L-ASSUNZJONI mill Papa Piju XII.

9/11/75: Quddiesa minn Mons. Isqof Cauchi f'jum it-tifkira ghall-erwieh mejtin fil-fewg gwerer dinjiji.

9/11/75: Mons. Frangisk Azzopardi ha l-pussess bhala Kanoniku kugitur fil-Kapitlu Katidrali.

16/11/75: Pussess ta' Mons. Guzeppi Azzopardi bhala Kanoniku kugitur.

23/11/75: Jum importanti ghall-istorja tal-Katidral. Hareg il-ktieb ta' ALEXANDER BONNICI, Il-Kolleggjata Matrici ta' l-Assunta u l-Ewwel Parrocci ta' Ghawdex", li jpoggi fuq sisien sodi l-qedem tal-Matrici, Kolleggjata u Katidral t'Ghawdex.

23/11/75: Pussess ta' Mons. Guzeppi Curmi bhala Kanoniku kugitur, Dun Gorg Tabone gie mahtur Cerimonjier Djocesan.

30/11/75: Pussess ta' Mons. Guzeppi Gauci bhala Kanoniku kugitur.

30/11/75: Bdew il-priedki ta' l-Avvent mir-Rev. Prof. Donat Spiteri Kappuccin.

1/12/75: Ghas-6 sena konsekuttiva hareg il-Kalendarju Parrokjali tal-Katidral, li din is-sena kien harga ddedikata kollha kemm hi lil-grajja ta' l-Inkoronazjoni tal-kwadru titulari tal-Madonna tal-Katidral.

/12/75: Dun Guzepp Grech, kappillan tal-kor, gie maghzul bhala Cerimonjier tal-Kapitlu.

13/12/75: L-Ewwel Anniversarju ta' Malta Repubblika: quddiesa u Te Deum fil-Katidral mill-E.T. Mons. Isqof.

61/12/75: Bdiet in-Novena Biblika fil-Katidral bis-suggett "Il-Milied u t-tigdid tal-hajja nisranija".

25/12/75: Jum IL-MILIED. Il-Korijiet tal-Katidral "Maria Assunta" u "Pueri Cantores" qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl, taw programm ta' carols fuq il-presbiterju tal-Katidral.

4/1/76: Ghall-ewwel darba, il-festa ta' l-Epifanija, wara s-soppressjoni taghha minn festa ta' vaganza, giet mizmuma f'jum il-Hadd.

25/1/76: FTUH TAL-VISTA PASTORALI fid-Djocesi ta' Ghawdex b'koncelebrazjoni fil-Katidral li tmexxiet minn Mons. Isqof Nikol Cauchi. Ta' min jinnota li din kienet l-ewwel vista ta' Monsinjur Cauchi bhala Isqof ta' Ghawdex.

18/3/76: B'koperazjoni bejn il-Legjun ta' Marija u l-Aurora Youth Movement, mbeda kors ta' taghlim dwar Kristu; il-lectures inzammu fit-Teatru "Leo".

8/3/76: Mons. Mikiel Cefai, Arcipriet tal-Katidral mill-1944, nhatar bhala Vigarju Generali ta' l-Isqof.

15/3/76: Mons. Camelo Scicluna, ghal dawn l-ahhar 15-il sena inkarigat mill-kura pastorali tal-Parrocca tal-Katidral bhala Vigarju, nhatar Arcipriet ta' l-istess Katidral.

15/3/76: Membru iehor tal-Kapitlu Katidrali, Mons. Emanwel Mercieca, nhatar Arcipriet tal-Bazilika Parrocca ta' San Gorg.

19/3/76: SAN GUZEPP: wara hafna restawr li sar fil-knisja antika ta' San Guzepp gewwa s-Sur f'dan l-ahhar zmien, giet iccelebrata quddiesa minn Dun Guzepp Saliba Sagristan Maggur tal-Katidral. Ta min jghid li kien ilu zmien l-aktar twil ma tintuza ghall-kult din il-kappella.

28/3/76: Bdew l-ezercizi spiritwali fil-Katidral. Predikatur ghan-nisa kien il-W.R. Mons Victor Grech Rettur tas-Seminarju Arcidjocesan. Il-Predikatur ghall-irgiel kien il-W.R. Dun Karm Mercieca, Arcipriet tax-Xewkija.

29/3/76: Il-familji kollha tal-Belt Victoria, ircevew cirkulari mizzewg Arcipriet tar-Rabat sabiex kull familja tiehu hsieb taghzel il-parrocca li maghha trid tkun irregistrata ghal skopijiet pastorali.

15/4/76: Aktar minn 100 sacerdot minn Ghawdex kollu kkoncelebraw flimkien ma' Mons. Isqof fil-quddiesa li fiha tbierku z-zjut nhar Hamis ix-Xirka; iggeddu wkoll, mill-koncelebranti, l-weghdiet sacerdotali.

16/4/76: Harget mill-Katidral il-purcissjoni tal-Passjoni ghat-8 sena konsekutiva.

18/4/76: HADD IL-GHID. Beda t-tberik tad-djar. Minn madwar 1600 familja tal-Belt Victoria, 10% ma rrispondewx ghac-cirkolari ta' l-Arcipriet, waqt li mill-kumplament 693 familja rregistraw mal-Katidral u 75 rregistraw sena mal-Katidral u sena mal-Parracco ta' San Gorg. Fil-Parrocca tal-Katidral it-tberik tad-djar sar mis-sacerdoti kollha tal-Presbiterju Parrokjali.

29/4/76: L-20 anniversarju minn meta l-istatwa ta' Santa Marija giet irregalata, mis-Soc. Filar. 'Leone' lill-Katidral.

30/4-21/5/76: Kien esegwit programm specjali tal-festi fl-okkazjoni tal-pussess ta' Mons. Carmelo Scicluna bhala Arcipriet tal-Katidral.

15/5/76: Pussess ta' Mons Scicluna bhala Arcipriet tal-Katidral.

17/5/76: Thabbar li Mons. Teologu Giovanni Gauci sar Dekan, jigifieri t-tieni dinjità tal-Kapitlu Katidrali.

23-30/5/76: Gimgha Ewkaristiko-Liturgika fil-Katidral.

30/5/76: Eghluq il-Gimgha Ewkaristiko-Liturgika b'purcissjoni sagramentali li tmexxiet minn Mons. Isqof Djocesan.

13/6/76: Pussess ta' Mons. Giovanni Gauci bhala Dekan tal-Kapitlu.

17/6/76: Pussess ta' Mons. Girgor Vella P.E.P. bhala Penitezier; pussess ta' Mons. Carmelo Bajada bhala Teologu; pussess ta' Mons. Guzeppi Azzopardi bhala Lettur. Ilkoll ircevew il-pussess tal-kanonikat taghhom fl-istess jum waqt cerimonja li tmexxiet mill-Isqof Mons. Cauchi.

30/6/76: Festival Marjan fil-Katidral, bi thejjija ghall-festa ta' l-Assunzjoni. Hadu rall... sehem diversi tfal, zghazagh u membri ohra tal-ko... munita' parrokjali ... Katidral.

4/7/76: L-Arcipriet tal-Katidral, Mons. Scicluna, ... mahtur Prelat tal-Papa.

11/7/76: Mons. Lawrenz Xe... ha l-pussess bhala kanoniku effettiv tal-Papitlu Kat...

LISTA TAL-FAMILJI LI RREGISTRAW RUHHOM MAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL

In-numri li jidhru taht kolonna 'A' huma familji li rregistraw mal-Katidral ghal dejjem.

In-numri li jidhru taht kolonna 'B' huma familji li rregistraw sena mal-Katidral sena le.

Dawn in-numri jinkludu bias familji li mhux hwejjeg imhazen jew ufficini.

Fil-Belt Victoria hawn madwar 1600 familja, ... mhux kulhadd irregistra ruhu s'issa.

Triq jew Misrah	A	B
Assunta.	19.	8.
Arcipriet Cassar.	13.	2.
Wara s-Sur.	26.	3.
Kapuccini	31.	xejn.
Adrian Dingli	2.	2.
Karmine.	21.	xejn.
Ganni Vassallo.	6.	xejn.
Katidral.	1.	1.
Kastell.	10.	xejn.
Kastell (Telgha).	4.	xejn.
Wied is-Seqer.	3.	3.
Arcisqof P. Pace.	3.	xejn.
Ghajn Qatet.	3.	2.
Karità	8.	1.
Dawwara.	10.	1.
L-Imghallem.	18.	xejn.
Exchange.	2.	1.
Fosse.	1.	2.
Zanka.	2.	xejn.
De Soldanis.	8.	xejn.
Ghedrin.	8.	xejn.
Kercem.	28.	xejn.
Bibljoteka.	10.	xejn.
Hamet.	3.	1.
8 ta' Dicembru	1	xejn.
Off 8th December.	2.	xejn.
It-Tokk.	7.	xejn.
S. Ursola.	82.	xejn.
Xaghra.	26.	1.
Ir-Repubblika.	42.	3.
President Kennedy	5.	5.
Sabina.	17.	xejn.
S. Marija.	27.	xejn.
Mons. Luigi Vella.	18.	3.
Palma.	14.	xejn.
Guzeppi Labrè	1.	4.
Ninu Cremon.	1.	2.
Belliegha.	24.	xejn.
Off Sump.	2.	1.
Mary Meylak.	4.	xejn.
M'Ang. Refalo.	11.	xejn.
Putirjal.	11.	xejn.
Vajringa.	10.	3.
Wied Sara.	15.	3.
Sannat (Govt. Flats.).	35.	xejn.
Sir Paul Boffa.	10.	7.
San Gorg (Pjazza).	1.	xejn.
San Gorg.	9.	xejn.
Qasam San Gorg.	6.	xejn.
Off Sir Paul Boffa.	4.	xejn.
Caius Vallius.	7.	1.
Off Caius Vallius.	1.	xejn.
San Frangisk.	10.	xejn.
Tomba.	4	1.
Wara S. Wistin.	8.	xejn.
Dejqa.	3.	1.
S. Gwann.	3.	2.
Antonio Mallia.	5.	2.
S. Duminku.	4.	xejn.
Pompey.	3.	2.
7 ta' Gunju 1919	4.	xejn.
S. Leonard.	2.	xejn.
Mons. Guzeppi Farrugia.	2.	xejn.
Guzè Ellul Mercer.	3.	1.
Providenza.	1.	1.
Mithna.	1	xejn.
Pawlu Portelli.	xejn	1.
S. Andrea.	xejn	1.
S. Domenika.	xejn	1.
S. Wistin.	1.	2.
Off St. Domenika.	1.	xejn.
Totali:	693	75.

www.gozocathedral.org.mt

Kronaka tal-Parrocca

LISTA TA' DAWK LI DAHLU FIL-POPLU T'ALLA FI HDAN IL-KOMMUNITA PARROKJALI TAL-KATIDRAL BIS-SAGRAMENT TAL-MAGHMUDIJA.

10-8-75: Marthese Debono, bint Anton u Maria nee Micallef.
11-8-75: Marion Debrincat, bint Salvu u Concetta nee' Azzopardi.
11-8-75: Celene Debrincat, bint Salvu u Concetta nee' Azzopardi.
-9-75: Christopher Theuma, bin Joseph u M. Dolores nee' Mizzi.
-9-75: Monica Farrugia, bint Pawlu u Maria nee' Cassar.
-9-75: Francelle Saliba, bint Francis u Rita nee Debono.
-9-75: Gabriele Zammit, bint Silvio u Antonia nee' Grech.
-10-75: Richard Grima, bin Denis Victor u Elisabeth nee' Tabone.
-10-75 Joanne Cassar, bint Joseph u Margaret nee' Muscat.
-11-75: Franco Said, bin Anton u Carmela nee' Gray.
-11-75: Peter Paul Camilleri, bin Peter Paul u Josephine nee' Agius.
-11-75: Jacques René bin Anton Zammit u Miriam nee' Agius.
-11-75: Martin Cremona, bin Francis u Doris nee' Mercieca.
-12-75 Helen Zerafa, bint Joseph u Carmen nee' Saliba.
-12-75 Mark Calleja, bin Anton u Antonia Camilleri.
-12-75: Clara Farrugia, bint Stephen u Josephine nee' Rapa.
-1-76: Maria Mercieca, bint Carmelo u Antoinette nee' Vella.
-1-76: Jason Mario Calleja, bin Joseph u Thea nee Kop.
-1-76: Brian Mario Xiberras, bin Peter Paul u Maria nee' Bugeja.
-1-76 Julie Anne bint Michae Portelli u Maria nee' Scicluna.
-1-76: Doreen Gauci bint Joseph u Cetta nee' Grech.
-2-76: Mark Anthony Camilleri bin Joseph u Frances nee' Farrugia.
-2-76: Doreen Cauchi, bint Gorg u Maria nee Camilleri.
-2-76: Anthony Mario Saliba bin Manwel u Rose Scicluna.
24-2-76 Jacqueline Micallef, bint Nikol u Mary nee' Farrugia.
24-2-76: Claudio Cassar, bin Salvu u Flavia nee' Grech.
7-3-76: Kevin Grech, bin Teddy u Josephine nee' Camenzuli.
13-3-76: Tiberia Camilleri bint Pawlu u Mary Rose nee' Bezzina.
26-3-76: Noel Attard, bin Ganni u Benigna nee Hili.
26-3-76: Anna Maria Psaila, bint Joe u Mary Jane nee' Attard.
9-4-76: Dryen Mompalao bint Joe u Helen nee' Debrincat.
17-4-76: Andreina Farrugia, bint Francis u Maria Dorles nee' Debono.
17-4-76: Anthony Caruana bin Maria nee' Caruana.
4-5-76: Daniela Lanzon bint Paul u Sylvia nee' Farrugia.
27-5-76: Mario Cassar bin Joseph u Rina nee' Hili.
11-6-76: Josephine Debono bin Manwel u Josephine nee' Scicluna.
17-6-76: Godwin Grech, bin Gorg u Maria nee' Bezzina.
17-6-76: Marthese Portelli bint Anton u Maria nee' Camilleri.
17-6-76: Anna Maria Bezzina, bint Ganni u Maria nee' Camilleri.
17-6-76: Simon Grech, bin Frank u Sandra Bondi.
27-6-76: Lenotine Grech, bint Joe u MaryAnee nee' Sultana.
1-7-76: Sara Xerri, bint Mikiel u Maria nee Caruana.
27-5-76: Joseph bin Angela
27-5-76 Maria Magdala, bint Agnes nee' Grech.
27-5-76: Mario bin Rita Stanyer.

PARRUCCANI LI MIETU

MATUL IS-SENA

Awissu Mizzi Ġakku, Spiteri Ġużeppa, **Hodhin** Bian John, R. Scicluna. **Settembru** Axiaq Benedittu, Tabone Willy. **Ottubru** Micallef Franġisku, **Novembru** Axiaq Franġisku, Mons. Dekan G. Grima J.C.D. **Diċembru** Lazon Pawlu, **Jannar** Mompalao Carmela, Attard Angla. **Frar** Grech Antonia, **Marzu** Saliba Ġużeppa. **Ġunju** Farrugia Dolora, Cachia Maria, Cutajar Luigi. **Lulju** Micallef Joseph, Portelli Victoria, Dimech Lorenzo.

ŻWEĠIJIET.

2-8-75 Ġorġ Micallef u Grace Calleja.
10-8-75: Frank Grech u Sandra Bondi.
23-8-75: Toni Portelli u Maria Camilleri.
15-9-75: Guido Vella u Maria Caruana.
27-9-75: Emanuel Fenech u Ewkaristika Spiteri.
27-9-75: Ronald Borg u Jessie Portelli.
28-9-75: Carmelo Portelli u Frances Farrugia.
26-10-75: Camelo Camilleri u Josette Agius.
8-11-75: Alfred Stellini u Antoinette Xerri.
27-12-75: Joseph Azzopardi u Carmela Zammit.
24-1-76: Saviour Attard u Pawlina Grech.
1-2-76: Joseph Muscat u M'Anne Zammit.
14-2-76: Victor Vella u Lina Schembri.
18-3-76: Pietru Pawl Azzopardi, u Doreen Cassar.
22-5-76: Piju Borg u Rita Mercieca.
27-5-76: Domenic Gauci u Luigia Spiteri.
4-7-76: Gorg Vella Muskat u Yvonne Xuereb.
31-7-76: Salvino Grech u Mariosa Theuma.

N.B. Bi żvista, s-sena l-oħra ħallejna barra dawn iż-żewġijiet:
27-7-75: Paul Portelli u Grace Bugeja.
31-8-74: Ġorġ Grech u Maria Bezzina.

TFAL LI GHAMLU
L-EWWEL TQARBINA —
25 a' MEJJU E976

Portelli Joseph, Hili Josanne, Hili Susan, Portelli Stephany, Apap Aurora, Vella Lucia, Magro Marie Josette, Gauci Saviour, Grech Grace, Xerri Jean Pierre, Grech John, Portelli Michael, Portelli George, Rapa Joseph Thomlinson Jason, Mercieca Mary Grace, Mercieca Elsi, Portelli M'Anne, Calleja Maria, Grech Fabienne, Celai Doreen Azzopardi John, Gatt Sandra, Vella Stephany, Vella Reggie, Xerri Patricia, Cardona Nikolina, Attard Mario, Bajada Carry, Curmi Frances, Psaila Brian, Grech Charlotte, Grech Lina, Formosa Josephine, Grech Maria, Curmi David.

TFAL LI GHAMLU L-GRIZMA
TA' L-ISQOF
24 TA' MEJJU 1976

Galea Georgette, Vella Doreen, Vella Luise, Portelli Maria Josette Zammit Mario, Schembri Ronald, Zahra Michael, Scicluna Alex, Cassar Anna Rita, Mizzi Carmen, Schembri Ġorġ Portelli Francis, Cini Maurice, Borg Carol, Vella Mary Grace, Mercieca Chalie, Grech Jacqueline Masini Frank, Bonnici Peter, Farrugia Mary, Calleja Lewis, Gatt William, Mizzi Joseph, Portelli Simon, Scicluna Josephine, Enriquez Melania, Grech Deren, Bugeja Michelle.

ĠBIR GHAL OPRI SOĊJALI

- Għall-Missjoni: £M249.80,0.
- Għall-vittmi tal-Gwatemala: £M324.00,0.
- Għas-Seminarju: £M140.00,0.
- Għall-vittmi ta' Udine: £M246.00,0.

Ta' min jinnota li l-akbar ġabra fid-djoċesi ta' Għawdex għal dawn l-opri soċjali dejjem saret mill-parroċċa tal-Katidral

30/6/1976 — Festival Marjan fil-Katidral

GHALL-AQWA PRCDOTTI
TAL-KMAMAR TAL-BANJU
"IDEAL STANDARD"
LI HUMA GARANTITI

Morru għand:
TONY CARUANA
TONY STORE
IT-TOKK — RABAT — GHAWDEX

QED TIBNI? TRID TIXTRI L-ORHOS, L-AHJAR
U L-AQWA KWALITA'

MUR GHAND:
IL-MAGHRUFA DITTA F'MALTA U GHAWDEX
JOSEPH CARUANA
59, REPUBLIC, STREET • 26, 28 MAIN STREET • KENNEDY SQUARE
VICTORIA, GOZO-MALTA. TEL. 76464
IMPORTATURI U AĠENTI
TA' MATERJAL GHAL-BINI — XIBKA U HADID TA' KULL KWALITA U DAQS — KULL XORTA TA' INJAM, PLYWOOD U CHIPBOARD — KMAMAR TAL-BANJU, MADUM, PIPES U FITTINGS, ETC.

IL-GRAN MASTRU NIKOL COTONER U L-KNISJA MATRIĊI TA' GĦAWDEX

1663-1680

Winston Law. Zammit B.A. (Hons.) M.A.

Fost it-tmienja u għoxrin Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann li saltnu fuq il-Gżejjer Maltin bejn l-1530 u l-1798, insibu lill-aħwa Rafel u Nikol Cotoner. Rafel Cotoner ġie elett Gran Mastru fil-5 ta' Ġunju 1660. Is-saltna tiegħu kienet qasira għax miet fl-20 ta' Ottubru 1663. (1) Tlitt ijiem wara, il-Kavallieri Eletturi miġbura fil-Knisja ta' San Ġwann ħatru lil ħuh Fra Nikol Cotoner bħala Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwa nn. (2)

Il-Knisja Matriċi ta' Għawdex.

Fi żmien il-ħakma ta' Kleru tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex kienu qegħdin jitħabtu sabiex jaqilgħu minn għand il-Papa l-approvazzjoni uffiċjali tat-twaqqif tal-Kolleġġjata, li l-Isqof Cagliares kien waqqaf fil-Knisja Matriċi fis-6 ta' Ġunju 1623. Hawnhekk ta' min ifakkar li għalkemm l-Isqof Cagliares kien waqqaf din il-Kolleġġjata is-Santa Sede baqgħet sal-1663 ma tatx l-approvazzjoni uffiċjali għat-twaqqif tagħha (3).

Fl-istess jiem li miet il-Gran Mastru Rafel Cotoner, il-Papa Alessandru VII bil-Bolla "Superna Dispositione" approva uffiċjalment it-twaqqif tal-Kolleġġjata fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Iżda l-esekuzzjoni ta' din il-Bolla kellha tiltaqa' ma' ħafna tfixkil.

Qara l-ewwelnett li sakemm din il-bolla waslet Malta laħaq miet l-Isqof Balaguer li kellu jkun l-eżekutur ta' din il-bolla. Għaldaqstant jesegwixxi din il-bolla. (4) L-Arċipriet u l-Kleru tal-Matriċi kellhom jerġgħu jitolbu lis-Santa Sede biex tinħareġ bolla ġdida b'eżekutur ġdid. (5) Nafu wkoll li fl-aħħar tas-sena 1663 l-Arċipriet tal-Matriċi Dun Gwann Aonton Camilleri kien qiegħed Ruma. (6) għalkemm ma nafux eżatt għalfejn mar hemm, nistgħu nikkonkludu li mar hemm fuq il-kwistjoni ta' l-approvazzjoni tal-Kolleġġjata mis-Santa Sede.

Ir-reazzjoni ta' Nikol Cotoner għall-approvazzjoni tal-Kolleġġjata

Hija tassew interessanti r-reazzjoni tal-Gran Mastru għall-approvazzjoni tal-Kolleġġjata. Ftit wara li l-Arċipriet Camilleri ġie lura Malta minn Ruma, Nikol Cotoner kiteb lill-ambaxxatur ta' l-Ordni f'Ruma, il-Kommendatur Fra Gilberto De Bene, fuq din il-kwistjoni.

Fl-ittra tiegħu bid-data tal-10 ta' Jannar 1664, Cotoner informa lil Del Bene, li huwa maħsub li l-Arċipriet Camilleri li kien għadu kemm ġie lura minn Ruma, filwaqt li kien hemm, qala' mingħand is-Santa Sede l-approvazzjoni ta' l-erezzjoni tal-Kolleġġjata, b'eżenzjoni mill-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof "coll' esentione dalle gurisdizioni dell' Ordinario". (7)

Minn din l-ittra nieħdu l-ideja li sar Jannar ta' l-1664 Nikol Cotoner ma kien jaf xejn dwar il-kwistjoni u lanqas rigward il-Bolla "Superna Dispositione". Iżda jidher ukoll biċ-ċar mill-istess ittra li Cotoner ma kien xejn kuntent bl-imsemmija approvazzjoni għax ħaseb li setgħet tkun ta' xi preġudizzju għall-awtorita ta' l-Isqof il-ġdid li kien għadu ma nħatarx. (8)

Għaldaqstant Nikol Cottoner fl-istess ittra ordna lil Del Bene biex jikkonsulta ruħu ma' Dr. Coppetti li kien l-aġent ta' l-Isqof Balaguer f'Ruma, u ma' Dr. Petrico Bologna li kien sejjer Ruma u wara li jikkonsultahom kellu jieħu l-passi meħtieġa sabiex sakemm id-djoċesi tibqa' bla Isqof ma jsir xejn ġdid li seta' jkun ta' xi preġudizzju għall-Isqof il-ġdid, li l-Gran Mastru kien jittama li kellu jkun il-Prijur tal-Knisja Konventwali Fra Lucas Buenos. (9)

Il-Kommendatru Dal Bene kiteb lill-Gran Mastru fid-28 ta' Marzu 1664, u f'din l-ittra tah tagħrif tassew importanti dwar l-approvazzjoni ta' l-erezzjoni tal-Kolleġġjata. Fl-ittra qallu li l-Arċipriet u l-Kleru ta' Għawdex kienu qegħdin jitolbu lis-Santa Sede tgħtilhom bolla b'eżekutur ġdid, minħabba l-mewt ta' l-Isqof Balaguer. Infurmah ukoll li fid-Datarja kien ġie ppreżentat "Nihil transeat" (jiġifieri jieqaf kollox) fuq il-kwistjoni ta' l-erezzjoni. Madankollu fl-udjenza li kellu fid-28 ta' Marzu, huwa (Del Bene) kien ippreżenta memorjal lill-Papa Alessandru VII favur il-qorti Veskovili ta' Malta, sabiex il-Papa jagħti ordni lill-Kardinal Datarju biex ma joħroġx xi bolla ġdida b'eżekutur ġdid, imma li jistennew il-ħatra ta' l-Isqof il-ġdid qabel eżegwiti l-imsemmija bolli. (10)

Għaldaqstant, wara li ppreżenta l-memorjal, l-ambaxxatur kien qiegħed jistenna li jinħareġ ir-reskritt, sabiex imbagħad jagħmel dak kollu li huwa possibli biex ma tintbagħatx bolla ġdida. Del Bene pero' nforma lil Cottoner li f'każ li d-Dataria tiddeċiedi għal xi raġuni jew oħra li tagħti bolla ġdida, huwa kien jinsisti li l-eżekuzzjoni tal-bolla titħalla f'idejn l-Inkwiżitur. Permezz ta' hekk, il-Prokuratur tal-Messa Veskovili f'Malta jkun jista' jagħmel oġġezzjoni għall-bolla u l-Inkwiżitur b'hekk ikun jista' jiddikjara li l-bolla ma kenitx ġustifikata u għalhekk ma kellhiex tiġi eżegwita, u bis-saħħa t'hekk kienet tiġi eskluża darba għal dejjem il-pretenzjoni ta' l-Arċipriet u l-Kleru ta' Għawdex. (11)

Nikol Cottoner f'ittra lil Del Bene bid-data tal-21 ta' April 1664 approva dak kollu li kien għamel l-imsemmi ambaxxatur kontra l-pretensjoni ta' l-Arċipriet ta' Għawdex, u reġa' fakkru biex ma jħalli li jsir xejn ġdid qabel jiġi maħtur l-Isqof il-ġdid. (12)

Fl-aħħar ta' l-istess xahar Cottoner irċieva xi ittra mill-ambaxxatur ta' l-Ordni ġewwa Spanja l-Balliju Villavincerio, li fost affarijiet oħra infurmah li minn fost il-tliet kandidati ppreżentati mill-Ordni għall-Veskovat ta' Malta ir-Re ta' Spanja kien għażel lill-Prijur tal-Knisja Konventwali Fra Lucas Buenos. Għaldaqstant fit-2 ta' Mejju Cottoner kiteb lil Del Bene u tah din l-aħbar, qallu wkoll li Fra Buenos kellu jitlaq għal Ruma fi żmien tmint ijiem biex jiġi eżaminat u kkonsagrat. (13)

Fis-17 ta' Mejju 1664, il-Komm. Del Bene reġa, kiteb lill-Gran Mastru u fost affarijiet oħra tah tagħrif dwar dak li kien irnexxielu jikseb dwar l-approvazzjoni ta' l-erezzjoni. Mill-ittra jidher biċ-ċar li l-unika ħaġa li kien irnexxielu jakkwista kienet illi l-eżekuzzjoni tal-bolla l-ġdida kellha tiġi fdata f'idejn l-Inkwiżitur u mhux lil xi Isqof ieħor. L-Inkwiżitur skond Del Bene kellu jivverifika l-klawsoli kollha ta' l-imsemmija bolla, u b'hekk il-Prokuratur tal-Mensa Veskovili kien se jkollu ċ-ċans li jopponi u li jagħti r-raġunijiet tiegħu kontra l-eżekuzzjoni tal-bolla, u dan skond Del Bene kellu jkun biżżejjed biex l-erezzjoni tiġi eskluża darba għal dejjem. (14)

Mons. Buenos, l-Isqof elett. wasal Ruma fit-30 ta' Mejju 1664. Għaldaqstant, il-għada, Del Bene kiteb lil Cottoner u tah l-aħbar tal-wasla ta' l-Isqof f'Ruma. (15) Nikol Cottoner minn naħa tiegħu f'ittra lil Del Bene bid-data tas-26 ta' Ġunju fost affarijiet oħra, qallu li rigward il-bolli ta' l-erezzjoni tal-Kolleġġjata ta 'Għawdex u affarijiet oħra li kellhom x'jaqsmu magħhom, huwa kellu jinforma b'kollox lill-Isqof Buenos u wara jaġixxi skond il-parir tiegħu. (16) Wara din l-ittra ma nsibux tagħrif iżjed fuq din il-kwistjoni fil-korrispondenza ta' Nikol Cottoner. Iżda s-Santa Sede ħarġet bolla ġdida bid-data ta' l-20 ta' Novembru 1664 u, skond ix-xewqa ta' Del Bene, l-eżekuzzjoni ta' din il-bolla ġiet fdata f'idejn l-Inkwiżitur ta' dak iż-żmien Monsinjur Giulio Marescotti. (17)

Żjara lill-Knisja Matriċi 1670

Il-Gran Mastru Nikol Cottoner kien wieħed mill-ftit Gran Mastri li żar il-Gżira ta' Għawdex. Kienu l-20 ta' April 1670 meta Nikol Cottoner akkumpanjat mill-Inġinier Valperga li ddisinja l-linji tal-Kottonera, u minn bosta Gran Kruċi u Kavallieri, ġie Għawdex biex jara l-fortifikazzjonijiet. Huwa niżel l-Imġarr u minn hemm baqa' sejjer sal-Knisja Parrokjali ta' San Ġorġ, ġewwa r-Rabat, fejn kien hemm jistennewh il-Pro-Vigarju tal-Gżira u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Minn hemm il-Gran Mastru telaq proċessjonalment għall-Kastell, taħt baldakkin, li kien miżmum mill-Ġurati ta' l-Universita' ta' Għawdex. Fil-bieb tal-Kastell il-Gvernatur ta' Għawdex Fra Ludovico Xedler tah iċ-ċwievet bħala sinjal ta' pussess. Minn hemm il-purċissjoni baqgħet sejra fil-Knisja Matriċi fejn tkanta t-Te Deum. L-għada il-Gran Mastru żar il-Kastell u r-Rabat u fit-tard mar Marsalforn. Fit-22 ta' April Cottoner mar lura Malta. (18)

Il-ħatra ta' Arċipriet Magri 1679-1680

Wara l-mewt tal-Kanonku Ġan Anton Camilleri Arċipriet tal-Knisja Matriċi li ġrat fit-28 ta' Lulju 1679 (19), Nikol Cottoner fit-8 ta' Awissu, kiteb lill-Komm. Caravita ambaxxatur ta' l-Ordni ġewwa Ruma. F'din l-ittra Cottoner infurmah li l-Arċipretura tal-Matriċi kienet vojta, u għaldaqstant tah istruzzjoni biex kemm-il darba s-Santa Sede tkun sa timponi xi pensjoni fuq il-prebenda ta' l-Arċipriet il-ġdid, jirsisti sabiex tingħata waħda a favur tal-Kjeriku Franġisk Bonnici, iben it-tabib Pietru Pawl Bonnici wieħed mit-tobba tal-Gran Mastru. (20)

Caravita mexa fuq l-istruzzjoni li tah il-Gran Mastru u ppreżenta memorjal lill-Papa Innoċenz XI favur tal-Kjeriku Bonnici. F'ittra li kiteb lil Cottoner fit-30 ta' Settembru 1679, Varavita mhux biss informah bil-memorjal, iżda qallu li meta jiltaqa' mad-Datarju, huwa kien sejjer

(ikompli paġna 5)

TOBACCONIST
J.C. MEJLACK ZAMMIT
Wines & Spirits Merchant
14, St. George's Square, Victoria. Tel. 76531

www.gozocathedral.org.mt

IL-GRAN MASTRU NIKOL COTONER U L-KNISJA MATRICI TA' GHAWDEX 1663-1680

(Jaqbad minn pagna 4)

jaghmel dak kollu li kien possibli biex tinghata l-imsemmija pensjoni lill-Kjerku Bonnici mir-renti ta' l-Arcipretura ta' Ghawdex. (21)

F'ittra ohra bid-data ta' l-14 ta' Ottubru 1679 Caravita nforma lill-Gran Mastru lil l-Papa kien baghat reskritt fuq din it-talba lid-Datarju. Ghaldaqstant Caravita kien iddecieda li jmur ikellem lid-Datarju fl-istess gimgha, izda billi ma setax imur, kien se jfittex li jmur ikellmu l-gimgha ta' wara, sabiex jirrikmandalu l-ghotja ta' l-imsemmija pensjoni. (22)

Caravita pprova tlieta jew erba' darbiet biex jiltaqa' mad-Datarju, izda d-Datarju ma setax jilqghu ghax kien imhabbat. Ghaldaqstant fis-27 ta' Ottubru Caravita ddecieda li jibghat lid-Datarju l-ittra tal-Gran Mastru flimkien ma' rakkomandazzjoni a favur tal-pretensjoni tal-Gran Mastru li tinghata pensjoni fuq il-kanonikat li kien nghata lil Balzan. Favur it-talba l-ohra li tinghata pensjoni lill-Kjerku Bonnici, Caravita nforma lill-Gran Mastru b'dak kollu li kien ghamel f'ittra bid-data tat-28 t'Ottubru 1679. (23) Cottoner min naha tieghu kiteb lill-Komm. Caravita fil-31 ta' Ottubru 1679, u f'din l-ittra, fost affarijiet ohra, approva dak kollu li kien ghamel Caravita favur tal-Kjeriku Frangisk Bonnici. (24)

Izda minkejja t-tahbit u l-isforzi kollha ta' Caravita x-xewqa ta' Cottoner ma gietx milqugha. Infatti fil-11 ta' Novembru 1679 Caravita kiteb lill Cottoner u qallu li filwaqt li huwa kien fil-Palazz ghall-udjenza, id-Datarju baghat jinfurmah permezz tan-nepputi tieghu l-Assessur, li l-Papa kien hatar lis-sacerdot Dun Karlu Magri bhala Arcipriet tal-Knisja Matrici, izda ma kien impona ebda pensjoni fuq id-dhul ta' l-Arcipretura. Il-Papa Innocenz XI ma kien impona ebda pensjoni minhabba l-fatt li biex jiehu din il-kariga gdida Dun Karlu kien se jkollu jcedi l-benefizzju li kellu gewwa l-belt ta' Ruma, u l-kariga ta' Bibljotekarju ta' l-Universita' "Sapienza" gewwa Ruma. Barra min hekk il-Papa kien diga' wieghed kanonikat l il Dun Karlu Magri li wara, fuq talba ta' Cottoner, kien nghata lil Balzan. Ghaldaqstant il-Papa deherlu li ma kellha tigi mposta ebda pensjoni. Id-Datarju pero' wera s-soghba tieghu li ma setax jilqa' t-talba ta' Cottoner, izda wieghed li jekk ikun hemm xi nomina ohra huwa kien jaghmel dak kollu li huwa possibli biex tinghata pensjoni lill-imsemmi Bonnici jew lill-ohrajn irrikmandati mill-Gran Mastru. (25)

Dun Karlu Magri, wara li rcieva l-ahbar tan-nomina tieghu, kiteb lill-Gran Mastru biex jaghtih din l-ahbar. Il-Gran Mastru kitiblu fil-11 ta' Jannar 1680 u f'l-ittra qallu: "Con molto gusto ricevo l'avviso che ella mi da della gratia riportata da Su Beatitudine del Arcipretato del Gozzo havendo io sempre stimato la persona di lei e inconoscendo in quest' atto uno segnale della sua affetione. Spero dunque di vederla quanto prima arrivere all' esercitio della cura commesale. (26)

Il-Gran Mastru Nikol Cottoner miet tliet xhur wara, fid-29 ta' April 1680. (27)

RIFERENZI

(1) N.L.M. Arch. 121, f. 110v; 122, ff. 69v, 70r.
(2) Ibid. 122, ff. 74r, 74rv.
(3) Ghal aktar taghrif dwar it-twaqqif tal-Kolleggjata u l-approvazzjoni taghha ara ALEXANDER BONNICI, **It-Twaqqif ta' l-Ewwel Kolleggjata f'Ghawdex, fi 350 Sena Kolleggjata,** Ghawdex 1974, pp. 30-38.
(4) Ibid.
(5) Ittra ta' Del Bene lil Cotoner: N.L.H. Arch., 1283, 29 ta' Marzu 1664.
(6) Ibid. 1440. Ittra ta' Cotoner lil Del Bene, 10 ta' Jannar 1664, f. 12v.
(7) Ibid.
(8) Ibid.
(9) Ibid.
(10) Ibid. 1283. Ittra ta' Del Bene lil Cotoner 29 ta' Marzu 1664.
(11) Ibid.
(12) Ibid. 1440. Ittra ta' Cotoner lil Del Bene, 21 ta' April 1664, f. 41v.
(13) Ibid. Ittra ta' Cotoner lil Del Bene, 2 ta' Mejju 1664, f. 43v.
(14) Ibid. 1283. Ittra ta' Del Bene lil Cotoner, 17 ta' Mejju 1664.
(15) Ibid. Ittra ta' Del Bene lil Cotoner, 31 ta' Mejju 1664.
(16) Ibid. 1440. Ittra ta' Cotoner lil Del Bene, 26 ta' Gunju 1664, f. 58v.
(17) ALEXANDER BONNICI, loc. cit., p. 38.
(18) N.L.M. Arch., 261, f. 162r.
(19) Ara JOSEPH BORG, **Kappillani Magguri u Arcipricti tal-Mattrici Kolleggjata u Katidral t'Ghawdex, fi 350 Sena Kolleggjata,** p. 45.
(20) N.L.M. Arch., 1447. Ittra ta' Cotoner lil Caravita, 8 ta' Awissu 1679.
(21) Ibid. 1294. Ittra ta' Caravita lil Cotoner, 30 ta' Settembru 1679.
(22) Ibid. Ittra ta' Caravita lil Cotoner, 14 ta' Otturbru 1679.
(23) Ibid. Ittra ta' Caravita lil Cotoner, 28 ta' Ottubru 1679.
(24) Ibid. 1447. Ittra ta' Cotoner lil Caravita, 31 ta' Ottubru 1679.
(25) Ibid. 1294. Ittra ta' Caravita li Cotoner, 11 ta' Novembru 1679.
(26) Ibid. 1447. Ittra ta' Cotoner lil Dun Karlu Magri, 11 ta' Jannar 1680.
(27) Ibid. 126, f. 185r.

Ghadu kif hareg ghall-bejgh il-ktieb b'tifkira

tal-festi li saru s-sena l-ohra fl-okkazjoni ta'

l-INKORONAZZJONI TA' L-ASSUNTA

L-INKORONAZZJONI TA'

SANTA MARIJA – 1975

fih ● qoxra bil-kulur ta' l-Assunta inkoronata
● storja dettaljata tal-Kwadru Titulari
● djarju bir-ritratti taċ-Celebrazzjonijiet
● diskorsi u poeziji tal-okkazjoni
● taghrif iehor dwar il-festi

■ 68 pagna
■ 60c mill-Ufficcju Parrokjali tal-Katidral
■ Kull familja tal-parrocca ghandha takkwista kopja
■ Ibaghtu wkoll kopja lil nieskom imsefrin — japprezzawh daqs rigal mitqlu deheb.

MEMBRI GODDA FIL-KAPITLU KATIDRALI

IS-SERVIZZ liturgiku fil-Katidral ilu ghal aktar minn 350 sena jitwettaq minn Kapitlu ta' Kanonici. Sa minn zmien li konna maqghudin mad-Djocesi ta' Malta, l-Kapitlu tal-Kolleggjata Matrici ta' l-Assunta kien jghin lill-Isqof ta' Malta u Ghawdex fis-servizz liturgiku kollu fil-gzira ta' Ghawdex, allura parti mid-Djocesi ta' Malta. Sintendi l-opra principali tal-Kapitlu kienet is-servizz liturgku fil-Matrici ta' l-Assunta.

Meta imbaghad Pju IX gholla l-Matrici ghad-dinjità ta' Katidral, is-servizz liturgiku fil-Matrici Katidrali kompla jzid fis-solennita' tieghu u l-Kapitlu Katidrali kompla jghin lill-Isqof tad-Djocesi l-gdida ta' Gahwdex anki fil-knejjes l-ohra tal-gzira.

L-Isqfijiet Djocesani dejjem kellhom ghal qalbhom is-serjeta' u s-sollenita' tal-liturgija fil-Katidral taghhom. Kien ghalhekk li diversi minn dawn l-Isqfijiet li mexxew id-Djocesi taghna haabu biex jonoraw lill-Kapitlu Katidrali bi privileggi sabiex dejjem jidher aktar fil-milja tieghu l-kobor tal-liturgija fil-Knisja Ewlenija tad-Djocesi.

Kien ghal dan l-iskop ukoll li l-Isqof attwali, Monsinjur Nikol Cauchi haseb biex izid kanonici godda, koadjuturi ta' dawk li jkunu mpeduti fizikament milli jattendi regolarment ghas-servizz taghhom fil-Katidral. U fatti, matul is-sena li ghaddiet, Mons. Isqof hatar diversi Monsinjuri kugituri li kollha jidhru fir-ritratti ta' hawnhekk. Monsinjur Frangisku Azzopardi nhatar kugitur ta' Mons. Gorg Mercieca; Mons. Guzeppi Curmi nhatar kugitur ta' Mons. Guzeppi Debrincat u Mons. Guzeppi Gauci nhatar kugitur ta' Mons. Tezorier Mikiel Grech. Ma' dawn kien hemm ukoll Dun Guzepp Azzopardi Surmast tal-Kor li nhatar bhala kugitur ta' Mons. Dekan Gulermu Grima J.C.D., izda meta Mons. Dekan Grima miet u saru vakanzi fil-Kapitlu, Mons. Azzopardi gie nominat Kanoniku Lettur.

Hatriet ohra fil-Kapitlu Katidrali kienu ta' Mons. Gregorjo Vella P.E.P. li minn Lettur sar Penitenzier u ta' Mons. Carmelo Bajada li minn Penitenzier ghadda ghall-kanonikat tat-Teologu. L-ahhar nomina kienet dik ta' Mons. Xerri li minn kugitur ghadda ghall-Kanoniku effettiv u nghata l-pussess nhar il-11 ta' Lulju li ghadda. Fi mkejjen ohra ta' dan il-gurnal tkellimna ukoll mill-hatra ta' Mons. Giovanni Gauci S.Th.D., J.C.L. bhala Dekan u ta' Mons. Carmelo Scicluna bhala Arcipriet.

Lill-Monsinjuri l-godda minn qalbna sincerament nawgurawlhom hajja twila u servizz ta' fedeltà kbira lill-Knisja Katidrali u nheggu lill-kommunità parrokjali tal-Katidral biex titlob ghalihom.

Mons Guzeppi Curmi

Mons. Frangisk Azzopardi

Mons. Lawrenz Xerri

Mons. Guzeppi Gauci

Mons. Guzeppi Azzopardi, Mons. Girgor Vella u Mons Karm Bajada

www.gozocathedral.org.mt

Il-Pussess tal-Arcipriet il-gdid tal-Ka

Il-pussess ta' l-Arcipriet il-ġdid ir-Revmu. Mons Carmelo Scicluna, Prelat D'Onore tal- Papa nżamm fil-15 ta' Mejju 1976. Għal din il-ġrajja speċjali nħatar kumitat taħt il-presidenza ta' Mons Dekan Giovanni Gauci, S.TH., J.C.L., li organizza festi partikulari li f'din il-paġna isibu tifkira tagħhom bir-ritratti.

1 Fit-13 ta' Mejju 1976 nżammet konċelebrazzjoni ta' Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna flimkien mal-membri kollha tal-Presbiterju Parrokkjali. F'din il-Quddiesa Konċelebrata nqraw messaġġi ta' awguri lill-Arċipriet minn persuni ta' kull kategorija tal-Kommunità Parrokkjali.

2 Fl-14 ta' Mejju 1976 nżammet Lejla Kulturali f'ġieħ l-Arċipriet li għaliha attendew persuni distinti fosthom l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi u l-membri tal-Kapitlu Katidrali.

3 F'din il-lejla Kulturali r-Rev.mu Mons Dekan Giov. B. Gauci, S.Th.D., J.C.L. qara diskors elaborat ħafna u li swielu tifħix kbir bl-isem ta' "Il-Paroċċa u l-Promozzjoni tal-Bniedem."

4 Is-Sur John Cremona, President tas-Soċjetà Filarmonika "Leone", qara poeżija ta' l-okkażżjoni jisimha: "F'Jum il-Pussess Ta' Mons. Carmelo Scicluna, Arċipriet Ġdid tal-Katidral".

5 Il-Kelma tar-Rev.mu Arċipriet ma naqsitx f'din il-Lejla Kulturali li saret f'ġieħu u kienet tassew ħaġa xierqa li l-Mexxej tal-Kommunità Parrokkjali tal-Katidral iwassal il-messaġġ tiegħu f'din l-okkażżjoni.

6 L-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, Ph.D., Lic. Sc.Soc. għalaq din il-Lejla Kulturali billi wera kemm il-ħajja pastorali ta' kappillan iġġib magħha mhux biss sagrifiċċji imma wkoll bosta konsolazzjonijiet.

7 Is-Sehem tal-Kor "Maria Assunta", taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anton Bonnici u s-sinjorina Maria Zammit, L.R.S.M. ma naqasx imma bħas-soltu offrielna kant mill-isbaħ u mill-aktar armonjuż.

www.gozocathedral.org.mt

...l, Mons Carmelo Scicluna - bir-ritratti

...IL-PUSSESS:

Ir-Rev.mu Arċipriet Mons Carmelo Scicluna ħalla d-dar ...hu fis-6.30 p.m. Fejn id-dar tiegħu u mat-riqat minn fejn ...a igħaddi l-Arċipriet inġabru ħafna nies.

Ir-Rev.mu Arcipriet ġie milqugħ b'ħafna ċapċip ħdejn ...Knisja ta' San Ġakbu, minn fejn baqa' tiela lejn il-Knisja ...tidrali fil-waqt li kien akkumpanjat mill-banda ċittadina ...nne".

Kif il-Mons. Arċipriet daħal fil-Knisja fost iċ-ċapċip ...h tal-parruċċani miġbura fil-Knisja Katidrali, huwa ...' sejjer f'riġlejn Ġesù Sagramentat fil-waqt li l-Kor ...rija Assunta" kanta l-"Ecce Sacerdos"

11 Għall-Quddiesa konċelebrata li kienet immexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, il-Knisja Katidrali kienet fgata bin-nies li nġabru minn kull rokna tal-parroċċa. F'din il-konċelebrazzjoni ħadu sehem il-monsinjuri kollha tal-Katidral flimkien ma' bosta saċerdoti sekulari u regulari.

12 Fl-Omelija ta' l-okkażżjoni r-Rev.mu Arċipriet wera li l-missjoni ta' arċipriet fid-dinja tal-lum jeħtieġ li tirrifletti l-preżenza ta' Ġesù Kristu, ta' l-Isqof tad-Djoċesi u tal-Knisja Universali.

13 Wara l-Omelija bdiet iċ-ċerimonja tal-pussess tar-Rev.mu Arċipriet bit-tiġdid tal-wegħdiet ta' l-Ordinazzjoni u għalhekk bejn l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof u l-Arċipriet kien hemm interrogatorju li għalih kien iwieġeb kull darba l-Arċipriet.

14 Is-Sagrament tal-Magħmudija li bih in-nisrani jiġi nkorporat fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu, prinċipalment jiġi amministrat mill-Arċipriet tal-parroċċa u għalhekk fiċ-ċerimonja tal-pussess l-Arċipriet jiftaħ u jagħlaq il-fonti tal-Magħmudija.

www.gozocathedral.org.mt

15 Fil-hidma pastorali tiegħu l-Arċipriet huwa fid-dmir li jamministra s-Sagrament tar-Rikonċiljazzoni lill-Bnedmin tal-merħla spiritwali tiegħu biex iressaqhom għand Kristu Ġesù. F'dan ir-ritratt ir-Rev.mu Arċipriet qiegħed jieħu l-pussess tal-konfessjonarju fil-Knisja parrokkjali tiegħu.

16 L-Ewkaristija li hija wkoll Sagrament ta' l-inizjazjoni tal-ħajja nisranija tingħata importanza kbira minn min ġuridikament għandu t-treġija ta' kommunità parrokkjali. Għal din ir-raġuni l-liturġija titlob li meta Arċipriet jieħu pussess ta' parroċċa, huwa jiftaħ it-tabernaklu u mbagħad jinċensa lil Ġesù Ewkaristija.

17 L-Arċipretura, li magħha hemm marbuta l-kura tal-erwieħ, fil-Kapitlu tal-Katidrali hija r-raba' dinjità fost il-ħames dinjitajiet ta' din il-persuna morali. Għaldaqstant ir-Rev.mu Mons Carmelo Scicluna bħala Arċipriet ukoll tal-Kapitlu Katidrali f'dan ir-ritratt qiegħed jieħu postu fl-istall tal-Kor.

18 Wara ċ-ċerimonja tal-pussess tkompliet il-Quddiesa Konċelebrata li fiha r-Rev.mu Mons Arċipriet ħa postu ħdejn l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.

19 Fiċ-ċerimonja tal-bewsa tal-paċi, ir-Rev.mu Arċipriet niżel fost l-assemblea liturġika u ħa b'idejn diversi persuni magħżula minn fost il-kommunità parrokjali.

20 Fl-aħħar tal-Quddiesa Konċelebrata, ir-Rev.mu Arċidjaknu Mons. Pawlu Cauchi, f'isem il-Kapitlu tal-Katidral offra rigal lir- Rev.mu Arċipriet bħala turija ta' rispett.

Darba tippruvaha ma tibdilha ma' xejn

Dr Pepper tidher qisha 'cola', iżda għandha togħma għal kollox differenti. Xarba unika u rinfreskanti — xarba li ma hawnx bħalha fid-dinja. Fil-granet tas-sħana, aqta' l-għatx b'Dr Pepper. Issibha għall-bejgħ kullimkien.

Dr Pepper

Darba tippruvaha kiesha, it-togħma differenti tibqa' togħġbok

www.gozocathedral.org.mt

21 Wara l-funzjoni tal-Knisja, sar riċeviment fit-Tejatru l-ġdid "Awrora" fi Triq ir-Repubblika għall-parruċċani kollha tal-Katidral. Għal dan ir-Riċeviment folol kbar ta' nies fosthom ħafna persuni distinti fosthom l-Eċċ.za tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.

22 Waqt dan ir-riċeviment, il-President tal-Banda "Leone", is-Sur John Cremona, f'isem din is-soċjetà filarmonika offra rigal sabiħ lir-Rev.mu Arċipriet.

25 Fl-istess okkażżjoni, ir-Rev.mu Arċipriet qaddes lit-tfal inkapaċitati fil-Konservatorju ta' l-Isqof u għamel l-Ewwel Tqarbina lil Melanja Enriquez, tfajla nkapaċitata mill-parroċċa tiegħu. Wara ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, l-Arċipriet qassam boroż ta' ħelu lil dawn it-tfal.

KOTBA PPUBLIKATI MILL-KATIDRAL

- IL-KATIDRAL TA' L-ASSUNTA 10c
- IL-BALLATA TAL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA 20c
- 350 SENA KOLLEGGJATA 90c
- IL-MATRIĊI KOLLEĠĠJAT TA' L-ASSUNTA U L-EWWEL PARROĊĊI TA' GĦAWDEX 80c
- L-INKORONAZZJONI TA' L-ASSUNTA—1975 60c

IL-5 KOTBA FLIMKIEN £M2 FLOK £M2.60

— SKONT TA' 25% — OFFERTA LIMITATA

Il-Kardinal Seper jifraħ lill-Arċipriet il-ġdid

Roma, 11.V.1976.

Reverendissimo Monsignore,

Oggi ho ricevuto la Sua lettera che mi annuncia la Sua nomina alla carica di Arciprete della Cattedrale di Gozo.

A causa della posta, i miei auguri arriveranno purtroppo post festum. Non sono, pero', meno cordiali.

Gradisca le mie sincere felicitazioni per la nuova carica che il Suo Vescovo Le ha affidato. Avra' un nuovo campo di lavoro quo proficiat pro bono animarum.

Con la mia benedizione
e cordiali saluti
dev. mo in Xto
Franc. Card. Seper +

ŻURU
L-KNISJA
KATIDRALI
F'JUM
IL-FESTA

24 Bosta kienu l-attivitajiet pastorali li wettaq ir-Rev.mu Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna fl-okkażżjoni tal-pussess tiegħu. Huwa kellem f'omelija waqt Celebrazzjoni Ewkaristika lit-tfal u lill-istudenti ta' l-iskejjel kollha tar-Rabat. Huwa qaddes fl-Isptar Craig u qarben lill-morda kollha ta' dan l-Isptar. Żar il-morda kollha tal-parroċċa tal-Katidral u qaddes fid-djar ta' x'uħud minnhom u qarbinhom.

23 Fl-istess okkażżjoni, il-President tas-Soċjetà Filarmonika "La Vallettee", l-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier M.P., f'isem din l-għaqda mużikali offra wkoll rigal lir-Rev.mu Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna.

ALEXANDER BONNICI O.F.M.Conv.

IL-MATRIĊI KOLLEĠĠJATA
TA' L-ASSUNTA
U
L-EWWEL PARROĊĊI
TA' GHAWDEX

ktieb dokumentat dwar l-istorja tal-knisja principali ta' Għawdex, illum Katidral, u dwar il-parroċċi ewlenin ta' gżiritna.

Jinbiegh 80c mill Uffiċċju Parrokjali tal-Katidral

www.gozocathedral.org.mt

LIL MARIJA TAMA TAGĦNA

Paul Gauci

L-għanja tnutli fuq fommi bla ħila,
Ma ssibx ħlewwa fin-nisġa tal-kliem
Għalkemm qalbi mkebbsa bl-imħabba,
Ruħi tnewweż go żiffa ta' sliem.

Fqira l-għanja tal-kordi, tat-trombi,
Lis-Sultana ta' ġmiel il-ħolqien,
Fqir l-irħam maħdum b'sengħa u mħabba
Dgħajfa t-tila fil-mewġa ta' żwien.

Jgħannu ismek l-irwiefen fil-qċaċet
Il-mewġ ikħal fil-kenn tax-xtajtiet,
It-tħaxwixa tal-weraq fil-fewġa,
Blibla għannejja fil-bidu tas-smewwiet.

Tgħid fuq ġmielek ix-xemx ta' fil-għodu
Tiddi f'dalma bħall-qamar fiddien.
Int qawsalla ta' ferħ u ta' tama
Jisboq wiċċek id-daħka tal-ġnien.

Inti Omm l-Istess Għerf u Qdusija
Li minn ħdanu ssawwab kull ġmiel,
Kull ġmiel leħor ħdejn tiegħek jiċċajpar,
Jum biss ta' sbuħitek xi ħjiel.

Le mhix saħta il-ħtija tal-Eden
Jekk int magħha sirt Omnna Bnedmin,
Fik il-ġnus raw il-kenn ta' nisilhom,
Lilek xtaqu l-profeti mxenqin.

Safja w sbejħa nżilt qalb il-ħtija,
Għajn ta' grazzji fin-nixfa tal-art.
Triegħdu l-iġbla għar-rifsa ta' riġlek,
L-Anġli kollha bi ġmielek saħħart.

Qsamt il-Fidwa ma' Ibnek, Bin Alla,
Rajt il-bniedem tal-grazzja ħabib,
Sirt Omm twajba, ħaddant lil nisilna
Fid-dell sbejjaħ tal-ħrex salib.

Il-ġnus kollha sejħulek imbierka,
Rawk bħal dija fid-dalma taż-żmien,
Kenn fil-bżża' ta' ħajja ħażina,
Saħħaħt b'ismek lid-dgħajjef għajjien.

Sfajt minn fostna sabiħa meħuda
Ja Sultana tal-art u s-smewwiet.
Laqgħek Alla fi ħdanu bħal Bintu
L-anġli tawk l-oħla daqq u għanjiet.

Għammixt l-art, tfejt kull ġmiel li jiċċajpar,
Nissilt tama tas-sema fil-qlub.
Tkissru l-ktajjen tal-jasar u l-ħażen,
Għeb id-dejn li ssab mlegħu kull dnub.

Sab il-bniedem fin-nisġa ta' ħajtu
Omm ħanina fuq kollu l-ħolqien.
Int Sultana ta' kobor is-sema,
Inti tama fil-mixja taż-żmien.

Rak il-bniedem u għanna sbuħitek
Bena mqades bil-għaraq, bid-dmugħ,
Mela b'ismek widien u muntanji,
Ismek ħiejju fl-imsaġar miżrugħ.

Il-poeti ħiew l-għana ta' qalbhom,
Ħriġt tibbissem fl-ilwien minn pinzell,
U mill-kesħa ta' rħama bla ħajja
Deheri sabiħa taħt xfur l-iskalpell.

Għannewk l-arpi, l-flawt, il-vjolini,
L-oħla ilħna li weldet din l-art,
U xbieħtek żaż-żgħab telgħet tiddi,
B'sakra ħelwa lill-bniedem sakkart.

Jgħannu ġmielek l-egħjjun ta' ilma safi,
Miktub ismek sa bl-ilsna tan-nar.
Mill-blat żonqri ta' ismek il-għajta
B'qawwa ħarġet titajjar ix-xrar.

U dal-ħsejjer bħal ħolqa fil-baħar
Ġmielek sserdu f'widien u għoljiet
Qeit mejjuma fis-skiet tal-irħula,
Sirt bħal żenna fil-għagħa tal-ibliet.

Dana ġensna għalkemm fqir u ċkejken
Tal-imqades ta' kobor u ġmiel
Għanna ismek mad-daqq tal-qanpiena
Sebbaħ ismek fin-nisġa ta' kliem.

Lilek sejjaħ fis-siegħa l-ħażina
Meta nħakem mill-għafsa tal-mard,
Jekk il-ġuħ hedded qawwi u n-nixfa,
Jekk inħaqar minn kesħa u bard.

Ismek sejħu l-Maltin għall-għajnuna
Meta ċarċar mas-swar demmhom shun.
Biex il-fidi ta' Kristu jħarsuha
Ħawwadt l-għadu maħrub bħal miġnun.

Meta setgħa klubija bla biża'
Żerghet fuqna l-qilla tan-nar
Int meddejt idek ħelwa, ħanina
Kenn tas-sema aħjar mill-azzar.

Inti qawwa, int żebħ ta' gżiritna.
Ħdejk jiċċajpru r-raġġi tax-xemx.
Titlef lewnha ħdejn mantek il-mewġa.
Fjur bħal fommok fil-ġonna ma hemmx.

Ismek żina tal-ġebla Maltija,
Tal-bizzilla f'idejn ix-xbejbiet.
B'tama fik it-trab tagħna jroddilna
Wiċċ kotrani u frott ta' ħlewwiet.

Sa mill-bidu ġew niesna fi ħdanek
Talbu minnek il-kenn tas-smewwiet.
U minn dejjem raw fik sliem u faraġ
Fit-taqlib sabu hemda u kwiet.

Żewġ imqades bħal ħolma tal-ġenna
Lill-Assunta bnew b'qima l-Għawdxin,
It-tnejn jgħaġġbu l-barrani bil-kobor
F'gżira fqira fost l-aktar ċkejknin.

A. F. ELLIS LTD.
7, GHAJN QATET STREET,
VICTORIA - GOZO

40
SENA

MANIFATTURI TA' L-AQWA MADUM
TAL-MUŻAJK MARMETTONE U
XOGHOL TAR-RHAM

TEL. GHAWDEX 76021 MALTA 42314

www.gozocathedral.org.mt

LIL MARIJA TAMA TAGĦNA

Ġenna sabiħa il-maqdes Ta' Pinu
Fejn il-bniedem jaf jogħxa fil-ġmiel,
Fejn igarrab ftit safa tas-sema
U tas-sema xi ftit jieħu hjiel.

Bħall-bismilla il-ġebla tal-gżira
B'sengħa nħadmet u telgħet 'il fuq
Dan il-maqdes bħal ħolma tal-anġli
Waħdu waħdu fir-raba mitluq.

Devozzjoni lejn Omm l-art u s-sema
Din il-bejta taf tnissel fil-qlub
Sa' li ħarra miċ-ċokon tal-gżira
Jafu bih dan il-maqdes maħbub.

L-ieħor fl-għoli mkabbar fuq kollox
Bl-eqdem storja, imkennen mis-swar.
Maqdes kburi li jifrex mal-gżira
Jimla l-qlub b'tal-imħabba sax-xfar.

Kburi joħlom il-kobor u l-glorja
Li mas-snin din il-gżira qatt rat.
Fejn f'Marija il-fqajra raw faraġ,
Fejn tbaxxew tal-Ewropa l-kbarat.

Maqdes ħelu fin-nisġa tal-arti,
Il-qadim dejjem qabel mal-ġdid.
Biex jissebbaħ il-ġieħ tal-Assunta,
Għajn ta' safa, ta' qima tixrid.

Fejn ix-xbiha tal-Mara sabiħa
Is-Sultana tal-art u s-smewwiet
Għandha ħlewwa misruqa mis-sema,
Wens u faraġ fil-hemm u l-inkwiet.

Ħalli jgħannu l-qniepen ferrieħa
Għanja ħelwa mill-ħemda tas-swar
Li tinfirex bħal ziffa mal-gżira
Timla l-qlub b'tama ġdida u nwar.

Ħalli tgħanni ż-żiffa fil-ħdura,
L-isbaħ fjuri fil-moħba tal-ġnien,
It-tfal żgħar li mal-anġli tingħaqad
Biex ixerrdu dal-ferħ kullimkien.

Le mhix frugħa, din għajta ta' qima.
Din tislima lill-Omm tas-smewwiet,
Din biss għajta ta' tama qawwija,
Din biss karba lejn Omm mill-ulied.

L-ebda ġmiel ta' kuruna maħluqa
M'hu biżżejjed biex tagħti tifħir.
L-ogħla deheb, l-ifweħ rand, l-ifjen fidda
O Marija għalik huwa fqir.

Le mhux frugħa, dan biss ġenn ta' mħabba,
Ma jistax jibqa' moħbi fil-qlub,
Għax l-Assunta għall-gżira Għawdxija
Isem ħelu mill-aktar maħbub.

Lill-Madonna Sultana setgħana
Tixraq biss l-isbaħ festa ta' ferħ,
Għax jaf tajjeb il-bniedem imġarrab
Li f'Marija sab faraġ u serħ.

Ħa jissieħeb dan fommi mal-qniepen,
Ħa jitħallat mal-fwieħa tal-fjur,
Ħalli joħroġ bla biża' dan kliemi
Qalb poeta bl-imħabba li tfur.

Ħa tingħaqad il-gżira Xemxija
F'għanja ħelwa ta' festa u ġieħ,
Taħt il-mant ta' Marija Assunta
Fix-xahar sajfi t'Awwissu sabiħ.

Int Marija jsmagħha din l-għanja,
Isma' l-għajta maħnuqa mill-wied,
Dan il-wied dmugħ u demm ta' ħajjitna
Ħniena tagħna isma' t-talb tal-ulied.

Nezza' qlubna mill-frugħa ħażina,
Mit-tlellix li bħal ziffa idub,
Eqred fostna il-mewġa qalila,
Mewġa kerha ta' ħażen u dnub.

Żommha taħraq fix-xrara tal-ħdi
Sa minn dejjem il-wirt tal-Għawdxin,
Żomm liż-żgħażagħ fl-imħabba tas-sema
F'dawn il-ħafeli ta' ħafar ħażin.

Iħdol b'wensek fid-djar tal-imsejkna
Lill-marid agħti faraġ u sliem,
Imsaħ b'mantek il-għaraq u ħarsu
Fix-xogħol jebes lit-twajjeb ħaddiem.

Twarrabniex, inti tamitna Madonna,
Bik kull toqol fil-ħajja ħafif,
Int qawsalla ta' sliem u ta' ħniena
Inti l-ilma tas-sema nadif.

Le mhux frugħa dal-ferħ, din il-festa
Jekk lejn Omm huma biss tqanqiliet,
Dan biss għanja, inċens li jinħaraq,
Ġieħ li jsebbaħ lill-Omm tas-Smewwiet.

O Assunta mill-għoli tas-sema
Ħares lejna ulied imsejknin,
Tina lilek, lis-sema b'wirt tagħna
Meta ntemmu dil-mixja tas-snin.

L-ISQOF GRECH DELICATA

(jaqbad minn p. 1)

L-isqof Grech Delicata ħa parti fl-Ewwel Kunċilju Ekumeniku tal-Vatikan 1869 — 1870 flimkien ma' L-Arċisqof u Isqof f'Malta Fra Gejtan Pace Forno, O.S.A., S.Th.M. minn Għawdex (twieled 5.6.1809, Isqof-Titulari ta' Ebron u Kugitur f'Malta-Għawdex 25.9.1857, Djoċesan f'Diċembru 1857, miet 22.7.1874) u l-Isqof l-ieħor ta' Sant' Wistin li diġa semmejt Pawlu Micallef ta' "Citta' di Castello".

Fit-3 ta' Marzu 1872 l-Isqof Grech Delicata waqqaf il-Parroċċa tal-Qala bi Knisja Parrokkjali fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni u b'Kappillan l-Dun Salv. Grima li kien diġà Viċendarju hemm mill-1867 u li baqa' sal-5 ta' Novembru, 1880. Il-Knisja Parrokkjali preżenti ta' San Ġużepp inbdiet mit-tieni Kappillan Dun Ġużepp Diacono (2.5.1881 — 29.9.1891).

Monsinjur Grech Delicata kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna u biex ikabbar dejjem iżjed l-imħabba tal-Għawdxin lejha, irregala fl-1873 lis-Santwarju tal-Qala il-pittura tagħha taħt it-titolu ta' "Salus Infirmorum" — Saħħa tal-Morda, magħmulha mill-artist famuż Ruman Pietru Gagliardi, u llum tinsab fil-Knisja Parrokkjali preżenti ta' dan id-distrett; u għalhekk kien ta' pjaċir kbir ukoll għalih meta fl-1875 il-Kanonku Salv. Farrugia stabilixxa fondazzjoni biex issir il-kwindiċina ta' Quddies Kantat fil-Katidral qabel il-festa ta' Santa Marija, u li fl-1876 ix-xwejjaħ Kanonku Mikiel Sammut (li kien Pro-Vigarju qabel l-Erezzjoni) ħareġ 100 skud għat-tużell tal-festa.

Huwa ordna li l-purċissjoni penitenzjali, votiva u li fiha jieħdu parti l-Parroċċi t'Għawdex kollu ta' San Girgor fit-12 ta' Marzu mill-Katidral għall-knisja tal-qaddis f'Kerċem kellha tispiċċa wara li tasal hemm u ssir il-Quddiesa Kantata ta' ringrazzjament, u cioe' ma kellhiex terġa, tirritorna għall-Katidral bħalma kien isir qabel; waqt li ż-żewġ purċissjonijiet żgħar, hekk imsejħa tar-Rogazzjoni kellhom jibdew isiru għall-knejjes viċini "ta' Savina" (Twelid tal-Madonna) u ta' San Ġakbu Appostlu u mhux għal dawk tal-Patrijiet ta' Sant' Wistin u ta' San Franġisk (Konventwali) rispettivament kif kien preskritt fl-imgħoddi. Dawn il-purċissjonijiet mgħadhomx isiru.

Monsinjur Grech Delicata waqqaf id-dinjità ta' Arċidjaknu fil-Kapitlu Katidrali fl-1871 u għażel bħala l-ewwel Arċidjaknu lill-Kanonku Mikiel-Anġlu Garroni (Kanonku Kantur fi żmien it-Twaqqif tad-Djoċesi fl-1864) Kien segwit f'din l-kariga mill-Kanonċi Ġużepp Mizzi D.D., Alwiġ Vella, D.D, P.E.P., Ġużepp Pace, D.D., J.C.D., Ph.D., G.C.O.J. (wara Isqof Djoċesan, 30.5.1890, 31.10.1944 — 31.3.1971), Lwiġi Cordina u Pawlu Cauchi.

Fl-4 t' Awwissu 1872 huwa akkwista lill-Kapitlu tal-Katidral tiegħu minngħand l-imsemmi Papa Piju IX l-użu tal-mantell kbir vjola u tal-bugija, żewġ prerogattivi ta' Monsinjuri Prelati Domestiċi (tat-tieni, li kienu jużawha anki l-Patrijiet Provinċjali, issa spiċċat għal kull ekklesjastiku b'ordni tal-Papa preżenti tat-3 ta' Settembru, 1968).

Dan l-Isqof kera minngħand il-Vigarju-Ġenerali tiegħu fl-aħħar żmien ta' ħajjitu dar, "Palazzo Bondi" fit-triq prinċipali hekk imsejħa "tat-tiġrija" għall-użu ta' l-isqfijiet tad-Djoċesi u li wara nxtrat mis-suċċessur tiegħu Monsinjur Pitru Pace, D.D., J.U.D., K.C.V.O., G.C.O.J. minn Għawdex (twieled 9.4.1831, Isqof 8.4.1877, Arċisqof u Isqof f'Malta 11.2.1889 u miet 29.7.1914) minngħand Dr Louis Bondi, hu u werriet tal-Kanonku Gejtan, bis-somma ta' 25,000 skud.

L-Isqof Grech Delicata kien magħmul Membru-Onorarju tas-"Soċjetà Promotriċe Cattolica Maltese" li kellha bħala President tagħha lin-nobbli Ġorġ "dei Conti Sant".

Huwa nnomina bħala eżekuturi tat-testment tiegħu liż-żewġ ħutu qassisin: il-Kanonku-Onorarju tal-Katidral t'Għawdex mill-1869 Monsinjur Salvu, Prelat Domestiku, u lill-Kanonku tal-Katidral tal-Imdina Monsinjur Dun Ġwann (li ta' dan hemm l-irħama tal-qabar 'l isfel fil-korsija tal-Katidral ta' Malta), u dawn wara l-mewt ta' l-Isqof informaw lill-Kapitlu fl-1879 li ħuhom xtaq li ssirlu Quddiesa Kantata Funebri kull sena għar-ruħu u li għal dan il-fini kien ta' tnax il-xelin u nofs (62c 5) fl-Atti tan-Nutar Kristofru Frendo tal-4 ta' Marzu, 1879. Huwa ħalla wkoll xi propjeta' biex biha tiżdied ir-renta tal-"mensa" tal-Isqof t'Għawdex, kif ukoll biex jitħaffer qabar għal-użu tiegħu u tal-Isqfijiet l-oħra t'Għawdex fil-kappella ta' Sant' Orsla.

Ħuthom oħrajn kienu l-għażeb tabib Ġan-Karlu, M.D., J.U.D., Professur tal-Istorja Naturali u fl-istess żmien tal-Mediċini Legali fl-Università (1959-1880), fundatur tas-"Soċjetà Economico Agraria" u li miet fil-31 ta' Diċembru 1882; is-sinjura Annunzjata miżżewġa Debono Cassia.

L-Isqof Anton Grech Delicata miet fil-Belt Valletta wara marda qalila fl-eta' żgħira ta' 63 sena fil-31 ta' Diċembru, 1876. Hu t-tieni mit-tliet Isqfijiet t'Għawdex li miet f'dik il-kariga. Ġismu ġie meħud fil-Knisja Parroċċa tal-Annunzjata ta' Ħal Balzan akkumpanjat mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u Ċivili nkluż il-Gvernatur Sir Charles Thomas Van Staubenzee, G.C.B., (1.6.1872 — 5.6.1878) il-Kapitlu tal-Imdina ħames deputati mill-Kapitlu tiegħu. Huwa ġie midfun fil-qabar tal-familja f'din l-Parroċċa, u għalhekk hemm dik l-irħama kommemorattiva mal-ħajt fil-korsija tagħha, u f'liema knisja, li hu kien tant iħobb, ħalla u hemm miżmum il-kappell kbir aħdar pastorali tiegħu.

Ġimgħa wara mewtu saru servizz kbir funebri fil-Katidral t'Għawdex fil-5 ta' Jannar 1877, li kien immexxi mill-imsemmi Kanonku-Arċipriet Refalo li qaddes, waqt li d-diskors dwaru saru mis-Segretarju tiegħu l-imsemmi Wisq Reverendu Patri Cilia, u għall-okkażjoni, l-Agent-Segretarju-Prinċipali tal-Gvern Mr F.P. Hoare (1867-1879) ordna li, bħala sinjal ta' luttu u ta' rispett, il-postijiet kollha tal-Gvern f'Għawdex kellhom jinżammu magħluqa.

FCR WORLDWIDE TRAVEL

APPLY:—

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

I.A.T.A. AGENT

7, IT-TOKK SQUARE, VICTORIA, GOZO

Telephone: 76236

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA-MALTA

Telephone: 27016

TOUR PLANNERS

GOZO CATHEDRAL - an architect's appreciation

If the Citadel — as seen from the air — be the head of the lively body that is Victoria, then of necessity the Cathedral must be its cyclopean eye, gazing, guarding, watching and all-seeing from the craggy brow of the Citadel over and around all Gozo. Or, perhaps, it is the gem in the diadem on that brow, for the face itself is somewhat ravaged.

by Christopher Gotch

(F.R.I.B.A. architectural consultant to Church authorities in England)

Some of the features, regrettably, are ruined, having been laid waste over the years, and are now awaiting the surgery of archeology. The narrow streets and paths, the wrinkles as it were, are well defined and traceable, as indeed is the shape of the noble head; for the bone-structure itself remains solid and unimpaired.

The outline, the great curtain wall, is, as ever it was, magnificent, contouring tonsure-like the complete cranium with massive bastions at jaw and neck. Here it drops away sharply, veretbra by vertebra to the city torso beneath.

This head, this Citadel is old as old some say as Mdina on Malta. It has shrunk too. Thrice in its lifetime have those bastion features been withdrawn, contracted like tightening skin, once in youth, twice in middle age in 1551 and again in 1572. Now set in peaceful repose, the tranquillity of the ancient, they afford unequalled views not just of Victoria below but of Gozo in its entirety.

As the city matured and developed, so the need for domestic security within the Citadel vanished. At one time no less than five churches administered comfort to the inhabitants of this miniscule township. Now but two remain, one the Cathedral, the other St. Joseph, originally St. Nicholas when built sometime before 1575 and then restored by Sir Harry Luke erstwhile Lieutenant Governor. In the lane leading to this diminutive church are some restored houses with Gothic facades dating from the 14th century. Nearby is a pointed Saracenic arch erected soon after the Normans superceded the Arabs in occupation of Gozo and Malta.

For several centuries the Cathedral was the only Parish church on Gozo whereas now no community is without its proud and sometimes exuberantly large edifice towering above its surroundings and visible too from the Citadel ramparts. The Cathedral dominates the Citadel square by its very presence and by the monumental steps up which it is approached. It is a delightful example of Mediterranean Baroque with a deceptively busy facade framed by quoin pilasters topped by inverted urn finals. Within this frame matching blind panels surmounted by up-sweeping parapets flank a dominant centrepiece, double-tiered but divided by a heavy cornice, the whole stepping forward by means of triple Corinthian pilasters, one upon the other and terminating in an elaborate pediment designed as a screen to lend impressive scale to what is but a building of modest size.

The richly ornate entrance with pedimented overdoor is echoed above by a deeply recessed niche containing a statute of Our Lady of the Assumption to which, together with St. Ursula, the Cathedral is dedicated. The handsome well-proportioned campanile supports an elegent cupola and compliments the front screen by added loftiness thus creating the sense of a majestic structure on what is in effect an extremely confined site. As might be expected the present building has had several predecessors. The first was probably a Phoenician temple, rebuilt and enlarged at the time of Augustus and in due course, metamorphosised into and consecrated as a church. This in turn underwent numerous reconstructions until irretrievably damaged by an earthquake in 1693.

Seventiy years previously it had been elevated to a Collegiate Church during the Papacy of Urban VIII in consequence of which a Chapter of Canons was founded. An additional privilege accorded the Chapter by Pius VI in 1781 was the right to wear the eight-pointed pectoral cross, derived from the Knights of St. John.

The new Collegiate Church, built between 1678 and 1711 was designed by Lorenzo Gafa (1630-1704) in simple basilica form with neither transepts nor aisles in the accepted sense — again because of limitations of space. As Quentin Hughes observes (The Buildings of Malta, 1956):

"The facade is similar to Vignola's design for the Gesù in Rome and the type of Jesuit facade which spread through Europe and the Spanish colonies in the 17. and 18th. centuries."

Internally, Gafa employed clusters of tall pilasters hoisted on high bases, crowned by a rich entablature and carved attic in order to make the vaulting more loftly so as to increase the cross window illumination. Thus the interior spatially modest, gives an impression of muted magnificence. The aisles as such contain separate chapels each individually treated yet combining to emphasise the illusion of grandeur and depth. That this was a deliberate concept by Gafa is confirmed possibly by the construction of a raised polygon above roof level over what would have been the transept crossing. Whether this was intended originally to support a saucer dome can only be conjecture. The Cathedral therefore, has no dome, yet paradoxically one exists.

In 1739, a triumphantly successful trompe l'oeil was created by the Sicilian painter Antonio Manuele. Similar to Del Pozzo's false domes at St. Ignatius, Rome and the Duomo at L'Aquila, it achieves a fantastic sense of perspective and space. It is convincingly real, even to the extent of the depiction of a lifelike gecko snaking up the wall.

As if to mirror the theatricality of the false dome the Cathedral pavement is set with tomstone slabs of multi-coloured marble emblazoned with armorial shield and family and occupational emblems, prancing putti and garlands aswirl. This decorative floor pattern, whilst not unique to Gozo and Malta is traditional as nowhere else adding immeasurably to the opulishness of the interiors where they are to be found. It is as if one is walking over history, yet at the same time unintentionally bruising the souls of those so commemorated with such decorative skill by stepping on them.

A century and a half after the completion of the new Collegiate Church, it became a Cathedral in 1864.

Its size in no way detracts from its charm and simple beauty, nor from its unique position, physically, in the heart of the Citadel of Victoria and spiritually in the welfare of all Gozitans whose welfare it serves with such quiet and unassuming dignity.

Dekan Gdid Tal-Katidral

Nikola Guzeppi Cauchi, ghall-Grazzja t'Alla u tas-Sede Apostolika Isqof ta' Ghawdex.

Lill-mahbub taghna fi Kristu l-Kanoniku Teologu Mons. Govanni Bosco Gauci, ix-xewqat tajba taghna ghal dejjem fil-Mulej.

Billi skond il-kanoni 403, ic-setgha li jaghti kull beneficcju kif ukoll kanonikat tmiss lill-Isqof tal-post fejn issir il-hatra u skond l-ittra Apostolika moghtija fil-motu proprju "Ecclesiae Sanctae" is-Sedi Apostolika m'ghandhiex tirriserva ghaliha l-ghotja ta' ufficcji jew beneficci jekk dawn ma jkunux koncistorjali, u billi l-kanonikat kif ukoll il-prebenda tad-Dekanat fil-Knisja Katidrali ta' Ghawdex vakaw bil-mewt tal-Illustrissimu u Reverendissimu Mons. Gulielmo Grima, li grat fid-29 ta' Novembru 1975, lilek, Govanni Bosco Gauci, imzejjen bil-lawrja fis-Sagra Teologija u fid-Dritt Kanoniku, konfessur tal-insara rgiel u nisa, predikatur tal-kelma t'Alla, professur fis-Seminarju djocesan, u vici-ufficjal tat-Tribunal taghna, Ahna naghtu d-Dinjita u l-Prebenda li kif semmejna fuq huma vakanti, bid-drittijiet, bid-dmirijiet u b'dak kollu li ghandu x'jaqsam maghhom.

Ghalhekk, wara li inti taghmel l-istqarrija tal-Fidi Kattolika skond il-forma l-gdida, quddiemi jew quddiem id-delegat taghna, naghtuk il-pussess veru rejali u korporali tad-Dinjita u l-prebenda msemmija bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha taghhom.

Bhala xhieda ta' dak kollu li ghidna, ordnajna li dan id-digriet minna ffirmat u ssigillat bit-timbru taghna jigi rregistrat mill-hawn taht iffirmat kancellier tal-Kurja taghna.

Moghti fil-Belt Victoria,
7 ta' Gunju, 1976.

Mons. Benedittu Camilleri
Kancellier.

† Nikol G. Cauchi
Isqof t'Ghawdex.

www.gozocathedral.org.mt